MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 1372/2003

**Il-Prokuratur Legali Madeleine Firman nomine**
**Vs**
**Dottor Patrick Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni prezentat fis-19 ta' Dicembru 2003;

Rat li l-konvenut debitament notifikat bl-att tac-citazzjoni u bl-avviz tas-smigh naqas li jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet;

Rat ir-rikors prezentat mill-konvenut fil-15 ta' Marzu 2005 fejn talab li, previa gustifikazzjoni tal-konutamcja tieghu, jigi awtorizzat jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet;[1]

[1] Fol.57

Rat ir-risposta tal-attrici nomine li biha, opponiet ghat-talba tal-konvenut, u dan ghar-ragunijiet dettaljatament indikati fl-istess risposta;[2]

Rat li l-kawza thalliet ghad-data tallum ghad-decizjoni fuq dan ir-rikors;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' digriet moghti fl-udjenza tal-25 ta' Gunju 2005 din il-Qorti, wara li giet informata mid-difensur tal-attrici li t-transazzjoni bejn il-partijiet ma kienitx sehhet, awtorizzat lill-konvenut sabiex jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin [20] jum minn dak in-nhar. Il-konvenut naqas li jattendi ghal din is-seduta.[3]

Illi l-konvenut naqas li jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet, u fl-udejenza tas-7 ta' Ottubru 2004 – wara tlett xhur shaha mid-differiment precedenti – pprezenta rikors, tramite difensur maghzul minnu, sabiex jigi ammess ghall-beneficju tal-ghajnuna legali, ghall-liema rikors saret risposta dettaljata u motivata mill-kontro parti.

Illi permezz ta' digriet moghti fit-30 ta' Novembru 2004 din il-Qorti kkoncediet lill-konvenut ghaxart [10] ijem zmien biex jikkonferma mal-kontenut tal-Artikoli 912 u 914[1] tal-Kap.12.[4]

Illi l-konvenut naqas li jaghmel dan, u, minflok, fl-udjenza tal-1 ta' Marzu 2004 talab zmien biex jirregola ruhu.[5]

Illi cio' nonostante, il-konvenut naqas li jidher ghall-udjenza tal-15 ta' Marzu 2005, u l-kawza thalliet ghall-provi tas-socjeta' attrici.[6]

[2] Fol.62
[3] Fol.37
[4] Fol.47
[5] Fol.55
[6] Fol.56

Illi dak in-nhar stess, il-konvenut ipprezenta r-rikors odjerna fejn talab li jiggustifika l-kontumacja tieghu, u jigi awtorizzat jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet.

Illi f' dan ir-rikors il-konvenut ippremetta "Illi n-nuqqas tal-esponent [tieghu] ma kienx kagun ta' xi inkuranza jew negligenza da parti tieghu u dan jirrizulta mill-atti tal-kawza."[7] In propositu l-Qorti tirrileva li mill-atti tal-kawza jirrizulta proprju dan. L-atteggjament tal-konvenut f' dawn il-proceduri, kunsidrat fil-minimu tieghu jimmanifesta inkuranza u negligenza, u fil-massimu tieghu jimmanifesta agir dilatorju intiz sabiex il-kawza maghmula kontra tieghu titwal inutilment.

Il-Qorti tirrileva li, tenut kont tal-ammont ingenti involut, kienet pacenzjuza hafna fil-konfront tal-konvenut u taghtu diversi oppportunitajiet sabiex jirregola ruhu f' dan ir-rigward, izda minn naha tieghu l-konvenut naqas li jusufruwixxi minnhom, u minflok adotta attitudini u agir li jimmilitaw kontra kull tentattiv ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja da parti tieghu.

Il-Qorti tikkondividi pienament il-kontenut tar-risposta tal-attrici u l-konsiderazzjonijiet hemm indikati, u tikkonsidera li t-talba tal-konvenut ma timmeritax li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar ir-rikors prezentat mill-konvenut fil-15 ta' Marzu 2005 billi tichad it-talba; bl-ispejjez relattivi a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[7] Fol.57